MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2012

Numru 1190/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Sarah Magri]**

**vs**

**Eric Sapiano**

Illum 14 ta’ Novembru, 2012,

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Eric Sapiana ta’ 43 sena, iben John u Georgina nee’ Cassar, imwieled Attard fil-5 ta’ Frar, 1969, residenti 67, Flat 1, Triq Santa Margerita, Sliema u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 134669M.

Akkuzat talli nhar it-13 ta' Novembru, 2012 ghal-habta tal-hamsa ta' filghaxija gewwa l-knisja ta' Giezu li tinsab fi Triq San Pawl, Rabat, Malta:

1. Ikkommetta serq ta' pittura li teccedi l-valur ta' €232.94, liema serq sar ukoll kwalifikat bil-'lok' ghad-detriment ta' l-istess knisja; (Artikoli 261(c)(e), 267, 269 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Wara li semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti.

Wara li rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Wara li rat l-verbal tal-ufficjal prosekutur li l-valur tal-pittura in kwistjoni ma kienx jeccedi s-somma ta' €2,339.37.

Wara li rat li l-imputat rregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet kkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi ta' l-ammissjoni u wissietu illi l-piena massima hija ta tlett snin prigunerija u taghtu zmien jikkonsulta ma l-avukat tieghu u cio nonostante l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

Wara li rat il-verbal kongunt tal-Prosekuzjoni u d-difiza fejn qablu li ma tigix imposta piena karcerarja effettiva.

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa

kkopera mal-pulizija, u li l-fedina penali tieghu mhix allarmanti. Peress li r-res furtiva giet ritornata lill-pulizija qabel l-imputat tressaq il-Qorti, il-piena ghandha titnaqqas b’zewg gradi (Artikolu 337 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(c)(e), 267, 269 (a), 280 u 337 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sitt (6) xhur prigunerija, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta’ tlett (3) snin , ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ai termini ta’ l-Artikoli 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f’kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------